2 ta' Frar, 1953.

**Imħallef :**
L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

**Il-Maestà tar-Reġina** *versus* **George Pulo**

**Kumpilazzjoni — Att ta' l-Akkuża — Eżami ta' l-Imputat — Nullità — Art. 407 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Jekk l-eżami ta' l-imputat ma jkunx firmat mill-Maġistrat Istruttur, dan in-nuqqas jagħti lok għan-nullità ta' l-attijiet tal-kumpilazzjoni, u konsegwenzjalment ta' l-att ta' l-akkuża.*

*Eċċezzjoni relativa għal nullità simili hija sollevabili "ex officio"; u l-konjizzjoni tagħha hija deferibili lill-Qorti Kriminali komposta kolleġjalment.*

Il-Qorti, — Rat l-att ta' l-akkuża nru. 8939;

Peress li mill-attijiet tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Gregorio Scicluna) vs. George Pulo" jirriżulta li fl-att tal-mistoqsijiet lill-imputat skond l-art. 402 (1) u 404 tal-Kodiċi Kriminali (fol. 24 tal-proċess) dak l-eżami ma ġiex, kif jitlob u hemm maħsub fl-art. 407 tal-Kodiċi Kriminali, kontrassenjat mill-Maġistrat Investigatur;

U peress li dan in-nuqqas jagħti lok għan-nullità ta' l-attijiet tal-kumpilazzjoni, u konsegwenzjalment ta' l-att ta' l-akkuża;

U peress li l-eċċezzjoni msemmija hija sollevabili "ex officio" mill-istess Qorti kif inhija komposta;

Rat l-art. 461 (1) (b) u (g) tal-Kodiċi Kriminali;

Tirrimetti l-inkartament fuq imsemmi lil dina l-istess Qorti komposta minn tliet Imħallfin, sabiex l-inċident sollevat jiġi maqtugħ skond is-savja konsiderazzjoni tagħha, fil-

**post**, hin u jum, li dik l-istess Qorti jkun jogħġobha tiffissa u tiddetermina.